



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7340/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0055 (NLE)

COASI 40	COMPET 236
ASIE 13	RECH 162
CFSP/PESC 196	ENER 158
COHOM 33	TRANS 182
COTER 31	TELECOM 116
JAI 268	ENV 273
WTO 71	EDUC 147
FISC 163	EMPL 161
ECOFIN 282	CONOP 19

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għall-Komitat Konġunt

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kumitat Konġunt stabbilit permezz
tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni
tar-Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat Konġunt**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212(1), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra¹, ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'Tokyo fis-17 ta' Lulju 2018 u ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Frar 2019.
- (2) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt li jikkoordina s-sħubija globali li hija mibnija fuq il-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt") u jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura proprji (ir-"Regoli ta' Proċedura").
- (3) Ir-Regoli ta' Proċedura jenħtieġ li jiġu adottati malajr kemm jista' jkun sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li r-Regoli ta' Proċedura jiddeterminaw kif jaħdem il-Kumitat Konġunt, li għandu r-responsabbiltà li jamministra l-Ftehim u li jiżgura l-implimentazzjoni korretta tiegħu.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt tkun li tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 216, 24.8.2018, p. 4.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 42 tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun li tappoġġa l-adozzjoni mill-Kumitat Konġunt tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif stabbilit fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
